MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 07

Il-Ħamis 21 ta' Novembru 2024

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġużè' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur John Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 07.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

07.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji peress li l-membri kollha kienu preżenti.

### 07.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

07.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 06 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

07.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

07.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 07.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

07.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, issuġġerixxa sabiex isiru xi avviżi biex jitqassmu bieb bieb fil-lokalita'. Dawn jinkludu: it-tiġdid tal-karta tal-identita' minn ġewwa ċ-Ċentru Parrokkjali, id-data tal-laqgħa annwali tal-lokalita', interess għall-parteċipazzjoni biex tittella' wirja ta' presepji u interess sabiex b'inizjattiva ma' *The Malta Foundation for the Wellbeing of Society* isir għall-ewwel darba Kunsill tat-Tfal fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

07.3.2 Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex issir l-ikla tal-Milied għall-membri u l-*istaff* kollha tal-Kunsill nhar il-Ħamis 19 ta' Diċembru 2024. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 07.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

07.4.1 Il-Kunsillier, John Farrugia rringrazzja lis-Sindku, lill-membri u l-istaff tal-Kunsill għall-koperazzjoni tagħhom sabiex ġiet organizzata b'suċċess il-wirja tal-karozzi nhar il-Ħadd 17 ta' Novembru 2024. Huwa tenna li dan ir-ringrazzjament ingħata wkoll f'isem is-sidien tal-karozzi kif ukoll l-istess 'Old Motors Club'. Is-Sindku faħħar din l-inizjattiva li ġibdet numru kbir ta' nies u parteċipanti kif ukoll irringrazzja lill-Kunsillier John Farrugia tas-sehem tiegħu f'din l-attivita' li kien organizzata u mqassma tajjeb ħafna.

07.4.2 Il-Kunsillier, Mark Busuttil f'ismu u f'isem numru ta' sidien tal-opri tal-baħar, faħħar ix-xogħlijiet li saru fl-*islipway* tax-Xlendi, liema xogħol iffaċilita' il-varar tal-istess opri fil-baħar.
Is-Sur Mark Busuttil ressaq ukoll suġġeriment sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni fuq bankina fi Triq il-Kantra fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 07.5 Proġetti u Inizjattivi fil-Lokalita';

07.5.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li l-Kunsill dan l-aħħar jiem kien qed jaħdem bi sħiħ fuq l-inizjattivi u l-attivitajiet tal-Milied u ppreżenta l-programm għall-approvazzjoni tal-membri.

- 15 ta' Diċembru 2024 – Attivita' għat-tfal u l-familji fil-Pjazza tal-Knisja fil-Munxar b'diversi karattri animati tal-Milied u logħob għat-tfal. Jieħdu sehem kantanti lokali, korijiet tat-tfal u gruppi taż-żfin. Din l-attivita' ser tittella bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru Għal Għawdex.
- 25 ta' Diċembru 2024 – Tqassim tar-rigali għat-tfal minn *Father Christmas* u tqassim ta' ikla lill-anzjani u nies vulnerabbli b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Reġjonali Għawdex.
- 26 ta' Diċembru 2024 – Ħarġa soċjo-kulturali għall-familja kollha ġewwa Għawdex fejn inżuru diversi presepji u wirjiet tal-Milied fix-Xagħra bit-*trackless train*.
- 27 ta' Diċembru 2024 – Ħarġa għat-tfal bit-*trackless train* u wara naraw film ġewwa Citadel Cinema.

Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan il-programm ta' attivitajiet u biex jinħareġ fuljett li jitqassam f'kull residenza.

Kunsill Lokali Il-Munxar

07.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li beda l-armar u t-tiżjin tal-Milied fit-toroq tal-Munxar u tax-Xlendi mill-għaqdiet tar-raħal bħalma sar fis-snin passati.

## 07.6 Jum Il-Munxar 2024;

07.6.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, flimkien mal-membri preżenti kkonfermaw li l-attivitajiet ta' Jum Il-Munxar 2024 ser isiru bħas-snin ta' qabel jiġifieri quddiesa ta' radd il-ħajr nhar it-12 ta' Diċembru 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija fil-Knisja Parrokjali u ssegwi serata tal-okkażjoni fiċ-Ċentru Parrokjali fis-7.00pm u wara jkun hemm riċeviment.
Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti, kien hemm qbil li jiġi ppreżentat ir-rikonoxximent ta' Ġieħ Il-Munxar lil Salvina Saliva u Carmen Debrincat.

07.6.2 Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex din is-sena waqt is-serata ta' Jum il-Munxar ikun aktar involviment dirett tal-komunita' billi dawk interessati jagħmlu tpinġija jew jiktbu poeżija marbuta mar-raħal tagħna. Din it-tpinġija tiġi esebita waqt is-serata ta' Jum il-Munxar, filwaqt li l-poeżija tinqara wkoll waqt din is-serata. Huwa estenda l-involviment tal-komunita' billi joffri wkoll opportunita' lit-tfal sabiex jaqraw sentenza fuq il-Munxar waqt l-istess serata. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 07.7 Aġġudikazzjoni sejħa għall-offerti:
## MXR/02/2024 – *Services Tender For The Emptying Of Waste Bins From Smart Waste Depots In Xlendi Using A Low Emission Trucks*;

07.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar it-8 ta' Novembru 2024. Kien hemm offerta waħda:
Koperattiva Għawdxija tal-Indafa Pubblika Ltd - €57,496.27

07.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lil dan l-offerent li kien konformi mar-rekwiżiti mitluba.

07.7.3 Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 07.8 Laqgħa Annwali tal-Lokalita';

07.8.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li skont l-artiklu 3A u l-artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, trid tissejjaħ laqgħa pubblika li fiha jiġu ppreżentati l-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill il-ġdid kif ukoll l-estimi finanzjarji għas-sena 2025.

07.8.2 Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex din il-laqgħa ssir nhar il-Ħamis 19 ta' Diċembru 2024 fil-5.00 ta' filgħaxija. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill dwar dan u ġie deċiż li jinħareġ avviż li jitqassam f'kull residenza fil-lokalita'

## 07.9 *Write-Offs (Fixed Asset Reġister);*

07.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lista ta' assi antiki sabiex bl-approvazzjoni tal-Kunsill isir *write-off* tagħhom mill-*Fixed Asset Register*, kif ukoll isir riklassifikazzjoni ta' xi assi taħt il-kategorija korretta. Dan il-proċess kien irrakkomandat mill-Awditur Ġenerali fir-rapport tiegħu. Kien hemm qbil mill-membri biex isir dan l-aġġornament fil-*Fixed Asset Register*.

## 07.10 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

07.10.1 Ċirkulari SPI/SCI/08/2024 – Espressjoni ta' Interess : Finanzjament Karnival 2025. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill japplika għal din l-iskema għall-finanzjament ta' €5,000 inkluż il-VAT u jonora l-obbligi tal-Kunsill Lokali kif elenkat f'din iċ-ċirkulari. L-attivita', ippjanata għall-Ħamis 27 ta' Frar 2025, ser tinkludi esebizzjoni ta' karru tal-Karnival, maskri grotteski, gruppi taż-żfin u sfilata speċjali għat-tfal bil-kostumi. B'żieda mal-finanzjament taħt din l-iskema, huwa stmat li l-Kunsill ser ikun qed joħroġ madwar €2,350 inkluż il-VAT. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

07.10.2 Applikazzjoni għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Filming – Sanap Cliffs area l/o Triq Zgħawri, Il-Munxar u Xatt ix-Xlendi – 4 ta' Diċembru 2024; Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill, u, il-Pulizija ma jsibu l-ebda oġġezzjoni.

Kunsill Lokali Il-Munxar

- Attivita' Soċjali minn Oasi foundation – Xatt ix-Xlendi – 29 ta' Diċembru 2024; Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill, u, il-Pulizija ma jsibu l-ebda oġġezzjoni.
- Karaoke Night minn Barbos Tiki Bar – Triq ir-Rabat, Xlendi – 10,17 & 24 ta' Diċembru 2024; Ma kienx hemm qbil mill-membri tal-Kunsill dwar dan u għalhekk dan il-permess ġie rrifjutat.

07.10.3 Ċirkulari LGD Numru 5/2024 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.10.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar l-avviżi fuq il-gazzetta tal-gvern rigward sospensjoni ta' traffiku u parkeġġ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.10.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand uffiċċjal fi ħdan id-Direttorat tal-Istrateġija u l-Implimentazzjoni tal-Policy fid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali b'approvazzjoni għat-talba tal-Kunsill biex jestendi ż-żmien tal-implimentazzjoni tal-proġett tad-daħla tal-Munxar taħt l-iskema SPI/SCI/9/2022 sal-aħħar t'April 2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.10.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand uffiċċjal fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar b'approvazzjoni għat-talba tal-Kunsill biex jestendi ż-żmien tal-implimentazzjoni tal-proġett tad-daħla tal-Munxar taħt l-iskema tad-*Development Planning Fund* sal-aħħar t'April 2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.10.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kap Eżekuttiv ta'l-Aġenzija LESA b'approvazzjoni għat-talba tal-Kunsill biex jestendi ż-żmien tal-implimentazzjoni tal-proġett biex isir il-bust tal-Professur Ġuże' Aquilina taħt l-iskema tal-istess awtorita' 'Proġetti fil-Komunitajiet' sal-aħħar ta' Diċembru 2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.10.8 Il-Kunsill irċieva rendikont ta' pagamenti pendenti mill-Awtorita' tal-Artijiet fir-rigward ta' arretrati tal-kera tal-*Kiosk* li tinsab fi Pjazza Anfori fix-Xlendi ta' bejn is-sena 2012 u 2015, tal-kera tas-*Silo* fil-Mitħna Sotterranja fi Triq il-Kappar fix-Xlendi bejn is-sena 2024 u 2025, kif ukoll arretrati tal-kera tat-Torri tax-Xlendi bejn is-sena 2021

Kunsill Lokali l-Munxar

u 2022. Dawn il-pagamenti b'kollox jammontaw għal €1,686.47. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif fir-*records* tal-Kunsill ma nstabu l-ebda pagamenti effettwati f'dan il-perijodu. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dawn il-pagamenti jiġu effettwati fl-iskeda tal-laqgħa li jmiss.

07.10.9 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva kwotazzjonijiet għall-polza t'assigurazzjoni li tkopri danni lil terzi waqt l-armar, iż-żarmar u waqt il-perijodu li l-armar tal-Milied ikun armat. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill japplika u jħallas din il-polza t'assigurazzjoni.

07.10.10 Il-Kunsill irċieva rapport mingħand Tranpsort Malta rigward parkeġġ riservat personalizzat wara li Transport Malta rċeviet applikazzjoni għal dan il-parkeġġ fi Triq il-Kantra fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jiġbed l-attenzjoni ta' Tranport Malta illi f'din it-triq diġa' hemm żewġ parkeġġi simili u parkeġġ ieħor komunali.

07.10.11 Ċirkulari Nru AKL 2024/076 – ALDA Training Sessions 02 & 03/12/2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.10.12 Ċirkulari Nru AKL 2024/077 – Fun Run 2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.10.13 Ċirkulari Nru AKL 2024/078 – Christmas Football Tournament b'risqil-Malta Community Chest Fund. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.10.14 Ċirkulari Nru AKL 2024/079 – Save the Date: 22nd November 2024 "Increasing Digitalisation Awareness & Readiness of Maltese Communities". Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.10.15 Ċirkulari Nru AKL 2024/080 – Expo: Inspiring Change "Councillors Shaping Stronger, Healthier Communities" 22/11/2024 – 23/11/2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.10.16 Ċirkulari Nru AKL 2024/081 – Gozo Christmas Dinner 27/12/2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

07.10.17 Ilment 51/2024

Resident jitlob sabiex isiru *double yellow lines* fuq kull naħa tal-garaxx tiegħu fi Triq San Pawl fil-Munxar minħabba diffikulta biex jaċċessa l-garaxx meta jkun hemm karozzi pparkjati. Fl-istess waqt, is-Sindku

Kunsill Lokali Il-Munxar

ssuġġerixxa sabiex isiru wkoll *double yellow lines* mal-garaxx ta' ħdejn l-istess residenza wara li kienet saritlu talba mis-sid tal-garaxx imsemmi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

07.10.18 Ilment 52/2024
Residenta tilmenta dwar tiġieġ mitluqin fl-għelieqi tagħha u ta' ħdejha li qed jagħmlu l-ħsara lill-prodotti tagħhom. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jgħaddi lit-taqsima tal-Animal Welfare fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex.

07.10.19 Ilment 53/2024
Resident jissuġġerixxi sabiex tiġi nstallata tabella "Tarmix Żibel Hawn" fir-*roundabout* ta' Triq Dun Spir Gauci u Triq Rinota fil-Munxar minħabba li qed ipoġġu boroż tal-iskart mhux skont l-iskeda tal-ġbir. Wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil sabiex fl-avviżi li ser jitqassmu f'kull residenza jiġi nkluż avviż biex kulħadd joħroġ il-borża tal-iskart skont l-iskeda u joħorġu quddiem ir-residenza tiegħu.

07.10.20 Ilment 54/2024
Residenta titlob sabiex isir xogħol ta' tindif fil-Wied tax-Xlendi (fuq in-naħa l-oħra tal-Knisja tax-Xlendi) sabiex l-ilma tax-xita jgħaddi mingħajr ma jikkawża ħsarat. Is-Sindku wieġeb li wara li l-Kunsill ġibed l-attenzjoni tal-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar, ittieħdet azzjoni ftit tal-jiem qabel din il-laqgħa.

07.10.21 Ilment 55/2024
Resident jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar żewġ siġar tal-bruk f'Xatt ix-Xlendi li minħabba xi umbrellel tal-istabbilimenti, m'għandhomx il-possibilita' li jikbru. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-Pulizija tal-Komounita'.

07.10.22 Ilment 56/2024
Sid ta' residenza fi Triq Munxar tiddikjara u tiċħad l-akkużi (fuq formola tal-ilmenti tal-Kunsill) illi persuna viċin tagħha qed takkużaha li qed toħroġ il-borża taż-żibel quddiem ir-residenza tagħha mhux skont l-iskeda tal-ġbir tal-iskart. Il-Kunsill innota din id-dikjarazzjoni.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 07.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

07.11.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 07/2024-9 għall-perjodu bejn il-25 t'Ottubru 2024 u l-21 ta' Novembru 2024 li tammonta għal €24,400.77 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier Mark Busuttil kien il-proponent filwaqt li l-Kunsillier John Cassar is-sekondant.

## 07.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

07.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 19 ta' Diċembru 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 19 ta' Diċembru 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Kunsill Lokali Il-Munxar